MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru. 562/2013

**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**FABIAN SCIRIHA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Fabian Sciriha ta’ 28 sena, bin Francis Xavier u Pauline nee’ Agius, mwieled Pieta’ nhar il- 15 ta’ Mejju 1985, residenti 95, Serin, Triq it- Trincetta, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 266885M;

Talli f’ dawn il- gzejjer gewwa Floriana, nhar id- 19 ta’ Marzu 2013 ghall-habta tas- 12.50 ta’ wara nofsinhar;

1) Rrenda ruhu komplici fid- delitt maghmul minn Stephen Abdilla meta xjentament, ghenu jew assistih sabiex id- delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewxu inkella sahhah il- volonta’ tieghu sabiex jaghmel delitt, jew weghdu li wara fil-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah u cioe’ serq ta’ handbag, nuccali, mobile phone, flus kontanti, credit cards, cwievet u dokumenti minn fuq il- persuna ta’ Giuseppna Agius (persuna ta’ iktar minn sittin sena) liema serq huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika u bil- valur;
2) Barra minn dan l- imputat Fabian Sciriha huwa akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhsassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Nhar id-19 ta’ Marzu, 2013, ghall-habta ta’ 12.50pm, sehhet serqa minn fuq mara anzjana fl-inhawi tal-Isptar Sir Paul Boffa gewwa l-Furjana. Ix-xhieda okulari identifikaw tlitt persuni nvoluti f’din is-serqa, tnejn ta’ sess maskili u wahda ta’ sess femminili. Minn indagini li ghamlet il-Pulizija, gew identifikati t-tlitt malviventi, li wiehed minnhom kien l-imputat Fabian Sciriha. Hekk kif sehhet is-serqa, dawn it-tlieta telqu jigru lejn il-venda tal-karozzi tal-linja f’Putirjal, il-Belt, u t-tlieta li huma rikbu tal-linja. Il-persuna li hadet il-basket tal-anzjana, certu stephen Abdilla, inqabad ftit tal-hin wara u tressaq il-Qorti, fejn ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Wara xi tlitt xhur kien instab l-imputat u tressaq fuq dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha ebda dubju li l-imputat kien komplici f’dan id-delitt. Hemm xhieda okulari li identifikawh u rawh jippartecipa fir-reat u jahrab jigri minn fuq ix-xena tad-delitt fl-imkien mat-tnejn l-ohra. Di fatti gew anke esebit ritratti tat-tlitt malviventi wara li saret is-serqa. B’dawn il-provi kontra l-imputat, xejn ma jiswa li xehed l-imputat stess, u l-istess Stephen Abdilla, ighidu li b’kumbinazzjoni kienu ltaqghu dakinhar filghodu u li l-imputat

ma kienx jaf x'kien ser jaghmel siehbu, u wara s-serqa b'kumbinazzjoni akbar it-tlieta telqu jigru fl-istess direzzjoni u rikbu l-istess karozza tal-linja. Inoltre, wiehed mix-xhieda okulari, Christian Mansueto, sahansitra jghid li l-imputat ippartecipa ativament fis-serqa billi ghen li abdilla jaggredixxi lill-anzjana, meta din kienet mal-art izzomm il-basket taghha u taqla' bis-sieq. Hu jaghti rakkont dettaljat u spjegat ta' x'ra u kif intervjena, u li baqa' jigri warajhom sakemm lahaqhom fuq tal-linja u anke hadilhom xi ritratti.

Ghalhekk, minn dawn il-provi, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li Fabian Sciriha rrenda ruhu komplici f'din is-serqa. L-addebitu tar-recidiva tirrisulta mill-fedina penali esebita fl-atti. Ghalhekk, kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li din ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Il-ligi taghzel li reati kommessi fuq persuni vulnerabbli, bhal ma huma l-anzjani, ghandhom jigu kkundannati b'pieni oghla bi grad jew tnejn, u ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-iena idoneja biex tipprotegi l-interessi ta' dawk l-aktar dghajjfa fis-socjeta'

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 42, 261, 262(1)(c), 267 tal- Kap 9 u l- Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------